**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-MINISTRU GĦALL-FINANZI DWAR IS-SITWAZZJONI TAL-GREĊJA FIŻ-ŻONA EWRO**

1. Wara l-bidla fil-Gvern fil-Greċja, fejn il-Partit Xellugi Radikali – Syriza – rebaħ il-Gvern, qamet il-kwistjoni dwar x'se jsir mit-twettiq tal-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku tal-Greċja li għadu mhux magħluq u li se jiskadi fl-aħħar ta' Frar 2015. Ta' min jgħid li l-Gvern Grieg kien iġġieled l-elezzjoni fuq programm ta' kontra l-awsterita` u kien wiegħed li se jirrevedi l-Programm ta' Aggustament Ekonomiku tal-pajjiż.

2. Il-programm li għandu jiskadi fl-aħħar ta' Frar għadu miftuħ u l-aħħar review tiegħu mill-Kummissjoni Ewropea, l-Bank Ċentrali Ewropew u l-Fond Monetarju Internazzjonali għadha ma ngħalqitx għaliex il-Gvern Grieg għad għandu numru ta' miżuri strutturali u riformi oħra xi jwettaq. Għaldaqstant, il-Greċja ma setgħetx tingħata l-aħħar tranche ta' madwar 7 biljun ewro f'self skont il-programm.

3. Il-qagħda ekonomika u finanzjarja fil-Greċja mhix tajba u marret għall-agħar matul il-kampanja elettorali, kif ukoll wara, minħabba l-inċertezza li nħolqot dwar l-intenzjonijiet tal-Gvern Grieg fir-rigward tal-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku. Skont rapporti li ngħataw fil-laqgħat tal-Grupp tal-Ministri għall-Finanzi taż-Żona Ewro, il-Eurogroup, id-dħul tal-Gvern mit-taxxi waqa' ħafna u r-rati tal-imgħaxx fuq is-self lill-Gvern Grieg żdiedu għal-livelli għoljin ħafna. Għaldaqstant, kif ġie rrappurtat, il-qagħda finanzjarja tal-Gvern Grieg ħżienet sewwa. Fl-istess ħin, ġejna nfurmati li ammonti sostanzjali ħafna ta' depożiti fil-banek Griegi kienu qegħdin jiġu rtirati kuljum; fatt li kkontribwixxa għal djufija sostanzjali tas-sistema bankarja Griega.

4. Il-qagħda fil-Greċja ġiet diskussa f'laqgha speċjali tal-Eurogroup li ssejħet fil-11 ta' Frar 2015. Dakinhar il-Ministru għall-Finanzi Grieg spjega l-politika ekonomika u finanzjarja tal-Gvern tiegħu kif ukoll l-intezjonijiet tal-Gvern Grieg dwar il-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku ta' bħalissa. Il-pożizzjoni tal-Gvern Grieg kienet li dan il-Programm ma ħadimx u allura ma ħalliex ir-riżultati mixtieqa. Minflok , hu sostna li dan il-Programm ħoloq riċessjoni kbira u kriżi umanitarja. Filfatt il-qagħda ekonomika hi tali li l-qgħad laħaq il-livell ta' 25 fil-mija, il-Prodott Domestiku Gross waqa' b'rata ta' 25 fil-

mija minn mindu bdiet il-kriżi, filwaqt li d-dejn ilaħħaq għal 175 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross.

5. Dakinhar il-Gvern Grieg talab li l-Greċja għandha tingħata għajnuna temporanja sakemm tkun tista' tigi nnegozjata relazzjoni kuntrattwali ġdida bejn il-Greċja u l-istituzzjonijiet Ewropej. Fil-pożizzjoni tagħhom, il-Ministri għall-Finanzi l-oħra fil-Eurogroup qablu unanimament li l-aħjar triq 'l quddiem kienet li l-Greċja tapplika għal estensjoni tal-Programm eżistenti u li tiffinalizza l-miżuri pendenti sabiex dan il-Programm jinagħlaq u l-Greċja tkun tista' tingħata l-aħħar tranche finanzjarja bħala self. F'dik il-laqgħa ma kien hemm l-ebda qbil dwar it-triq 'l quddiem għall-Greċja.

5. L-istess suġġett ġie diskuss ukoll fil-laqgħa regolari tal-Eurogroup li saret it-Tnejn, 16 ta' Frar. Minkejja d-diskussjonijiet teknici li kienu saru fil-jiem ta' qabel din il-laqgħa, bejn il-Gvern Grieg u l-istituzzjonijiet Ewropej bis-sehem tal-Fond Monetarju Internazzjonali, deher ċar li ma kien sar l-ebda progress dwar il-kwsitjoni. Iżda l-Ministru għall-Finanzi Grieg reġa' ntalab sabiex jitlob għal estensjoni tal-Programm eżistenti.

6. Matul dawn it-taħdidiet il-pożizzjoni tal-Gvern Malti kienet ċara u raġunata ħafna. Aħna sħaqna b'modi konsistenti li:

   (a) Il-Gvern Grieg għandu jgħid bla tlaqliq u jagħti assikurazzjoni li se jonora d-dejn kollu li għandu, inkluż dak li għandu ma' pajjiżna;

   (b) Il-Gvern Malti huwa lest li jikkopera u jaħdem mal-pajjiżi l-oħra taż-żona tal-ewro sabiex bi flessibilita` u bi strateġija ekonomika u finanzjarja li tippromwovi t-tkabbir ekonomiku, jinstabu l-formoli meħtieġa sabiex titjieb il-qagħda fil-Greċja;

   (c) Il-ħidma sabiex l-għanijiet ekonomiċi, finanzjarji u umanitarji jinkisbu għandha ssir fi ħdan l-istrutturi eżistenti u fi spirtu ta' koperazzjoni u solidarjeta` u mingħajr konfrontazzjoni.

7. Nhar l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2015, il-Ministru għall-Finanzi Grieg, kiteb lill-President tal-Eurogroup u talab estensjoni ta' sitt xhur tal-Programm ta' Aggustament Ekonomiku Grieg. Qiegħed inpoġġi kopja ta' din it-talba fuq il-mejda tal-Kamra.

8. Fid-dawl tat-talba Griega, reġgħet issejħet laqgħa oħra straordinarja tal-Eurogroup sabiex tiġi diskussa t-talba tal-Gvern Grieg. Din il-laqgħa saret il-ġimgħa, 20 ta' Frar 2015.

9. Matul din il-laqgħa intlaħaq qbil dwar stqarrija tal-Eurogroup, li fih:

(a) Intwera apprezzament għall-isforzi tal-Greċja u l-poplu Grieg sabiex iseħħ aġġustament ekononomiku u finanzjarju sostanzjali fil-pajjiż;

(b) Ittieħdet nota tat-talba għal estenzjoni tal-Programm ta' Aġġustament li għandu jiskadi fl-aħħar ta' Frar. Intqal li l-għan tal-estensjoni huwa li tiġi mitmuma r-review tal-programm eżistenti bil-kundizzjonijiet kollha li fih filwaqt li jingħata lok għal xi flessibilitajiet wara konsiderazzjoni konġunta bejn il-Gvern Grieg, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Fond Monetarju Internazzjonali;

(c) Fuq il-bażi tal-arranġamenti preżenti, l-Gvern Grieg għandu jippreżenta l-ewwel lista ta' riformi tiegħu sa llum, it-Tnejn, 23 ta' Frar 2015. L-istituzzjonijiet imsemmija għandhom jagħtu l-ewwel opinjoni tagħhom dwar jekk il-lista hijiex komprensiva biżżejjed sabiex jingħata bidu għall-konklużjoni b'suċċess tar-review tal-programm eżistenti. Imbagħad din il-lista ta' proposti għandha tiġi elaborata aktar u maqbula mal-istituzzjonijiet imsemmija sal-aħħar t'April 2015;

(d) Intqal li meta u wara li tingħata l-approvazzjoni għar-review konklussiva tal-progaramm, it-tranche finanzjarja pendenti kif ukoll il-profitti fuq l-SMP għall-2014, jiġu approvati sabiex jgħaddu lill-Greċja;

(e) Intlaqa' tajjeb l-impenn sħiħ tal-awtoritajiet Griegi li jaħdmu mill-qrib mal-istituzzjonijiet Ewropej u l-Fond Monetarju Internazzjonali;

(f) Intqal li l-awtoritajiet Griegi esprimew impenn sod għal programm kbir ta' riformi strutturali bil-għan li jiġi assigurat it-tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi, it-tisħiħ u l-istabbilita\` tas-settur finanzjarju u sabiex tiġi assigurata l-ekwita' soċjali;

(g) Intqal li l-awtoritajiet Griegi taw kelma soda u impenn ċar li lesti jonorow l-obligi finanzjarji tagħhom kollha u fil-ħin lejn il-kredituri kollha;

(h) Intqal li l-awtoritajiet Griegi lesti li jassiguraw il-bilanc baġitarju primarju pożittiv meħtieġ sabiex jassiguraw is-sostenibbilta` tad-dejn Grieg;

(i) Intqal li l-awtoritajiet Griegi qegħdin jintrabtu milli jreġġgħu lura riformi li kienu ġew imwettqa u li ma jieħdux deċiżjonijiet unilaterali dwar tibdil fil-politika u r-riformi strutturali;

(j) Abbażi ta' din it-talba u l-impenji li ttieħdu mill-Gvern Grieg għandu jinbeda l-progress sabiex jiġġedded il-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għal perjodu ta' erba' xhur oħra.

Kopja tal-istqarrija tal-Ministri għall-Finanzi taż-Żona Ewro qiegħda titqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra.

10. Huwa ppjanat illi għada, it-Tlieta, 24 ta' Frar 2015, għandu jerġa' jitlaqqa' il-Eurogroup permezz ta' tele-konferenza bil-għan illi:

(a) Jingħata rendikont mill-istituzzjonijiet Ewropej u l-Fond Monetarju Internazzjonali dwar l-evalwazzjoni inizjali u l-opinjoni tagħhom dwar il-proposti ta' riforma tal-Gvern Grieg kif indikat fil-paragrafu 9(c) ta' din l-istqarrija;

(b) Skont u jekk din l-evalwazzjoni tkun pożittiva tiġi approvata formalment it-talba tal-Gvern Grieg għal estensjoni tal-Programm ta' Aġġustament għall-erbgħa xhur li ġejjin kif indikat fl-istqarrija tal-Eurogroup.

11. Minn dak li għadni kif spjegajt, huwa aktar minn ċar l-pożizzjoni tal-Gvern Malti matul it-taħdidiet li saru kienet aktar minn raġunata u ġustifikata, tant illi l-elementi kollha tal-pożizzjoni Maltija huma riflessi fl-abbozz tal-ftehim li għad irid jiġi approvat. Permezz tal-garanzija li ta l-Gvern Grieg li lest jonora l-obbligi finanzjarji kollha li għandu lejn il-kredituri kollha, irnexxielna nissalvagwardjaw is-self li tajna lill-Greċja. Aħna appellajna għall-flessibilita` u għal strateġiji li jippromwovu t-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u s-solidarjeta` soċjali. Dan l-appell intlaqa' u ddaħħal fl-istqarrija tal-Eurogroup. Fl-aħħar aħna appellajna għal ħidma fi ħdan l-istrutturi eżistenti u għall-koperazzjoni u s-solidarjeta` bejn dawk kollha nvoluti. Ittieħed impenn sħiħ li jsir dan.